# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disa’ Legislatura

Laqgħa Numru 8/2024

4 ta’ Lulju,2024

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Safi ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f’40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Kurt Debono | Kunsilliera |
| Joanna Debono | Kunsillier |
| Claire Zammit | Kunsillier |
| | |
| Sandro Azzopardi | President Reġjun Punent |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**8.1 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku**

Il-Kunsillier is-Sur Johan Mula quddiem l-preżena tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr Stephen Farrugia Sacco aċċetta l-kariga ta' Sindku u ffirma dikjarazzjoni u għaddieha lis-Segretarju Eżekuttiv.

**8.2 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi-Sindku**

Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus quddiem il-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Stephen Farrugia Sacco aċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku u ffirma dikjarazzjoni u għaddietha lis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv laqgħet l-aċċettazzjoni tal-kariga tas-Sindku mingħand Johan Mula kif ukoll l-aċċettazzjoni tal-kariga tal-Viċi Sindku mingħand Francis Callus, skond ir-riżutat elettorali tal-8 ta' Gunju, 2024, hekk dikjarat mill-Kummissjoni Elettorali.

Is-Sindku Johan Mula ppreseda s-seduta.

**8.3 Karigi tal-Kunsilliera**

Is-Sindku qal li l-ewwel xtaq jifraħ lill-Kunsilliera eletti u anki dawk li ma gewx eletti. Huwa qal li jħoss li f'din il-leġislatura ser ikollna kontinwita' tax-xogħol li konna bdejna fil-leġislatura l-oħra.

Is-Sindku qal illi wara li kien iltaqa' mal-Kunsilliera kollha, kien ser iqassam id-dikasteri kif ġej:

**Is-Sindku s-Sur Johan Mula**: Proġetti, Xogħolijiet, Traffiku u Trasport, Fondi Ewropej

**Il-Viċi-Sindku s-Sur: Francis Callus:** Anzjani, Saħħa u Sigurta', Infrastruttura.

**Il-Kunsillier Kurt Debono:** Ambjent, Indafa, Innovazzjoni, Għaqdiet tal-Lokal, Komunita' Kummerċjali.

**Il-Kunsilliera is-Sinj Joanna Abdilla:** Sports u Attivitajiet Fiżiċi, Qasam Socjali, Integrazzjoni Soċjali, Ħarsien tal-Annimali.

**Il-Kunsilliera is-Sinj Claire Zammit**: Edukazzjoni, Kultura, Attivitajiet, Tfal u Żgħażagħ.

**8.4 Messaġġ tal-Okkażjoni**

Is-Sindku għalaq din il-laqgħa billi qal li persważ illi jekk il-Kunsill kollu jagħmel sforz kollettiv żgur li jkollna riżultati aħjar. Is-Sindku qal li jħoss li hu flimkien mal-Kunsilliera jridu jaħdmu għal ġid ta' Ħal Safi aħjar. Huwa talab lill-President tar-Reġjun Punent jekk riedx jagħmel kelmtejn tal-okkażżjoni.

Il-President is-Sur Sandro Azzopardi ta' spegazzjoni dettaljata tax-xogħolijiet li kienu qed jagħmlu r-Reġjun Punent.

**8.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fil-5:50. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 12 ta' Lulju, 2024 fil-5:00pm.

Iffirmati

Johan Mula
Mula

Iffirmati

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv